**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Jonathan Zarb u Maria Zarb**

**vs**

**Alfred Seguna - Sydney Furniture**

CCT 153/24/CC

Illum 19 ta' Settembru, 2025

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrentiipprezentata fl-24 ta' Lulju 2024, fejn talbu rifuzjoni ta' l-ammont ta' €2,500 (elfejn u hames mitt ewro) rapprezentanti depozitu ghal ordni ta' ghamara konsistenti f'*wall unit* u kamra tas-sodda.

Ra li l-intimat debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezenta risposta, fejn l-intimat preliminarjament, eccepixxa eccezzjoni ta' natura preliminari, senjatament:

> *Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni odjerna ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tall-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta*

Illi inoltre, l-intimat avvanza eccezzjoni ulterjuri li mhux ser tigi riprodotta f'dan l-istadju, u dan sabiex tigi determinata l-eccezzjoni ta' natura preliminari citata sollevata mill-intimat.

Ra li entrambi l-partijiet ipproducew il-provi taghhom dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari, u awtorizzaw lit-Tribunal sabiex jaghddi ghas-sentenza rigward l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra;

Illi l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta intimata tirrigwarda s-segwenti artikolu tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta -

> *Artikolu 2156 - L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
>
> *....*
>
> *(f) azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku.*

Illi mill-atti jirrizulta li l-atturi ghamlu l-ordni ma' l-intimat fit- 30 ta' Jannar 2019, kif ikkonfermat mid-dokumentazzjoni ipprezentata milll-istess atturi fl-atti ta' dawn il-proceduri. Din it-Talba giet intavolata fl-24 ta' Lulju 2024 - matematikament il-perjodu ta' hames snin gie ezawrit qabel il-prezentata tat-Talba odjerna. Madankollu, it-Tribunal jehtieg li jevalwa l-punti u c-cirkostanzi saljenti tal-kaz in ezami.

L-eccezzjoni a bazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, hija l-preskrizzjoni ta' hames snin.

Illi l-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 jipprovdi li din il-preskrizzjoni tibda tghaddi minn meta l-atturi setghu jezercitaw din l-azzjoni. F'dan l-istadju t-Tribunal jirrimarka li l-ordni saret fit- 30 ta' Jannar 2019, u l-partijiet ma stipulaw l-ebda terminu meta l-ghamara ordnata ghandha tigi konsenjata. Ghalhekk, minkejja li huwa minnu li l-perjodu ta' hames snin gie ezawrit minn meta saret l-ordni ghal meta giet intavolata din il-procedura, entrambi l-partijiet ma stipulawx meta ghandha tigi kkonsenjata l-ghamara. Ghalhekk isegwi li ma huwiex stipulat meta effettivament l-atturi setghu jezecitaw l-azzjoni odjerna.

Illi t-Tribunal jirrimarka li fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, anke a bazi ghal dak li jipprovdi l-istess Kodici Civili, gew stabbiliti parametri legali kif il-preskrizzjoni ghandha tigi interpretata u applikata, fosthom illi:

1. Min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha: Kif inghad fis-sentenza moghtija fl-ismijiet ***'Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr Maria Deguara noe'***, (Prim' Awla 30/10/2003):

> *Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq.*

2. Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju. Sinjifikanti f'dan irrigward huwa dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 1987, fil-kawza ***'Causon vs Sheibani noe'*** illi:-

> *Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le.*

3.Il-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta min jipproponi kaz ikun jista' jezercita dik l-azzjoni. Dan johrog car mill-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jipprovdi li:

> *Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*

4. Huwa principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u, ghalhekk, jekk ikun jezisti dubbju dwar l-applikabilità taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni. Dan gie stabbilit fis-sentenza tal-Prim' Awla datata 12 ta' Ottubru 2004 fl-ismijiet ***'Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited'.***

Illi in vista tal-premess, it-Tribunal, irid jistabilixxi jekk fil-kaz odjern l-intimat irnexxilux jipprova li l-atturi skadielhom z-zmien ta' hames snin minn meta din l-azzjoni setghet tigi ezercitata.

Illi minn analizi tal-provi prodotti fl-atti ta' dawn il-proceduri, hija l-fehma kunsiderata tat-Tribunal li stante li l-partijiet ma specifikaw l-ebda terminu meta l-ghamara ordnata ghandha tigi konsenjata, ma huwiex stipulat meta effettivament l-atturi setghu jezecitaw l-azzjoni odjerna.

Illi in vista tal-premess, it-Tribunal qieghed jichad l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sollevata mill-intimat, u jordna l-prosegwiment ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi bill ijichad l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sollevata mill-intimat, u jordna l-prosegwiment ta' dawn il-proceduri.

L-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu riservati ghal gudizzju finali.

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru